**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

Il-Pulizija
Spettur Jeffrey Azzopardi
v

**RODERICK DEBONO**
**ADRIAN VELLA**
**RICHARD BORG**
**ANDREW BORG**
**ELVIN SAMMUT**

**Illum 9 ta' Novembru 2000,**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **RODERICK DEBONO** ta' tmintax il-sena bin James u Grace mwieled Pieta` nhar it-tlettax ta' Lulju 1982 u joqghod 'Casa Debono', Triq s-Saqwi, Imgarr, detentur ta' karta ta' l-identita` numru 378282M; **ADRIAN VELLA** ta' sbatax il-sena, bin Angelo u Maria nee` Galea, mwieled Pieta` nhar il-wiehed u tletin ta' Dicembru 1982 u joqghod 77, 'Il-Merill', Triq l-Alwizza, Imgarr, detentur ta' karta ta' l-identita` numru 533838M; **RICHARD BORG** ta' sittax il-sena bin Bartolomeo u Mary nee` Grima, mwieled Pieta nhar il-hamsa ta' Frar 1984 u joqghod 'Marbert House', Triq l-Imqades, Zebbiegh, limit tal-Imgarr, detentur ta' karta ta' l-identita` numru 129484M; **ANDREW BORG** ta' hmistax il-sena, bin Elia u Pauline nee` Grima, mwieled Pieta` nhar il-hdax ta' Jannar 1985 u joqghod 'Pauline House', Triq ix-Xkorba, Imgarr, detentur ta' karta ta' l-identita` numru 79285M; u **ELVIN SAMMUT** ta' hmistax il-sena bin Joseph u Anna nee` Camilleri, mwieled Pieta' nhar il-hdax ta' Jannar 1985 u joqghod

‘December Dream’, Triq Sir Temi Zammit, Imgarr, detentur ta’ karta ta’ l-identita` numru 72285M, gew mressqa quddiemha akkuzati talli nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Mejju, 2000 ghal habta tas-siegha ta’ filghodu, fl-Imgarr voluntarjament hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fil-vetturi tal-ghamla Morris Marina bin-numru tar-registrazzjoni EAM 829 kif wkoll f’parapett ta’ residenza numru 8, ‘Dar il-Kenn’, Triq il-Ganfra, Imgarr, liema hsara fil-komplessivita taghha tiskorri l-hames mitt lira Maltin ghad-dannu tas-sidien rispettivi taghhom.

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-lejl, kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament kisru l-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Lil **ADRIAN VELLA** wahdu, talli fil-lejl bejn is-sitta w ghoxrin w is-sebgha w ghoxrin ta’ Mejju, 2000 fl-Imgarr, ingurja jew hedded lil PC 715 Lucian Gatt, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tmintax t’Awissu, 2000 mmarkat bhala dokument CSH 5 fl-atti.

Rat wkoll in-nuqqas t’oggezzjoni tal-imputati kif moghtija fil-verbal tal-Qorti tal-wiehed u tletin t’Ottubru, 2000.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati u fuq tali ammissjoni il-Qorti m’ghandix triq ohra salv li ssibbhom atja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Semghet t-trattazzjoni tad-difiza u cioe` li l-imputati ghamlu tajjeb ghal hsara kagjonata minnhom u dan ghas-saldu ta’ kull pretenzjoni li l-istess sidien tal-vetturi GAB 805 u EAM 829 u sid il-parapett setghu kellhom fil-konfront taghhom.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li llum il-gurnata m’ghadx hemm pretenzjonijiet dovuti lil terzi.

Il-Qorti ghalhekk rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artiklu 325(a), 338(m), 338(dd)u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**DWAR IL-PIENA**

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputati li huma lkoll nodfa u minghajr ebda tebgha ta’ kontravenzjoni jew reat registrat fuqha.

Rat l-eta tenera tal-imputati u li din kienet l-ewwel esperjenza taghhom.

Il-Qorti rat li l-imputati kkoperaw bis-shih mal-prosekuzjoni u dan sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni kif jirrizulta minn ezami akkurat tal-istqarrija taghhom irrilaxjata b’mod volontarju a tempo vergine tal-incident.

Rat li l-istess imputati ghamlu tajjeb ghas-saldu ghall-hsarat kagjonati minnhom u qiset kull cirkostanza tal-kaz.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tghin lil imputati quddiemha fis-sens li terga tqabbadhom t-triq it-tajba u ghalhekk thoss, minhabba r-ragunijiet msemmija aktar l’fuq, li ghandha tpoggihom taht supervizjoni ta’ Probation Officer ai termini tal-artikolu 5 tal-Kapitlu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li tiddikjara li qed ssib lil imputati RODERICK DEBONO, ADRIAN VELLA, RICHARD BORG, ANDREW BORG u ELVIN SAMMUT hatja tal-akkuzi kif addebitati lilhom, qed tghamel ordni ta’ Probation fit-termini tal-artikolu 5 tal-Kapiltu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal zmien tlett snin u tpoggi lil imputati kollha taht is-supervizjoni tal-Probation Officer Carmen Borg tul dan il-perjodu kollu u l-istess Probation Officer ghandha tirraporta lura lil din il-Qorti kull sitt xhur dwar l-andament taghhom.**

**Il-Qorti spjegat lil akkuzati kollha dikjarati hatjin fi kliem car il-konsegwenza ta' din l-ordni jekk jerga` ikun hemm reat iehor kontra l-ligi f'dan il-perjodu ta' tlett snin.**

**Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**MAGISTRAT**